31993R1722

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1722/93

tat-30 ta' Ġunju 1993

li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) Nru 1418/76 li jikkonċernaw ir-rifondi tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross rispettivament

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1544/93 [3] u b'mod partikulari Artikolu 9 tiegħu,

Billi, bl-għan tas-sitwazzjoni speċjali tas-suq fil-lamtu, u b'mod partikulari l-bżonn li l-prezzijiet jinżammu kompetittivi fejn jidħol il-lamtu pproduċut f'pajjiżi terzi u importat bħala merkanzija li fir-rigward tagħha l-arranġamenti ta' l-importazzjoni ma jagħtux protezzjoni suffiċenti għall-produtturi fil-Komunità, ir-Regolamenti (KEE) Nru 1766/92 u (KEE) Nru 1418/76 jipprovdu għall-għotja ta' rifondi tal-produzzjoni sabiex l-industriji kkonċernati li jużawh ikun jista' jkollhom aċċess għall-lamtu u xi derivattivi bi prezz aktar baxx minn dak li kien jirriżulta bl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti f'dan il-każ;

Billi, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli ddettaljati għall-għotja ta' rifondi tal-produzzjoni, inklużi r-regoli għall-kontroll u l-ħlas, sabiex l-istess regoli jkunu applikati fl-Istati Membri kollha;

Billi r-Regolamenti msemmija hawn fuq jagħmlu tajjeb biex tiġi mfassla lista tal-prodotti li l-fabbrikazzjoni tagħhom tuża l-lamtu u b'hekk tgħati bidu għall-intitolament għar-rifondi; billi lista bħal din għandha tkun kapaċi li tkun emendata fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti;

Billi, sabiex jassiguraw li l-miżuri ta' kontroll huma effettivi, għandha ssir disposizzjoni għall-benefiċjarji tar-rifondi li għandha tkun approvata mill-Istati Membri li fit-territorji tagħhom il-prodotti msemmija hawn fuq huma mmanifatturati;

Billi hu meħtieġ li jiġi definit kif ir-rifondi tal-produzzjoni għandhom ikunu kkalkulati u ta' kemm il-darba għandhom ikunu stabbiliti; billi l-metodu ta' kalkolazzjoni l-aktar sodisfaċenti hija preżentement ibbażata fuq id-differenza bejn il-prezz ta' intervent għaċ-ċereali u l-prezz użat biex tiġi kkalkulata t-taxxa fuq l-importazzjoni; billi, għal raġunijiet ta' stabbilità, ir-rifondi tal-produzzjoni għandhom bħala regola ġenerali jiġi stabbiliti kull xahar; billi, bħala mezz ta' verifikar li r-rifondi tal-produzzjoni jkunu ta' valur tajjeb, il-prezzijiet tal-qamħirrum u l-qamħ għandhom ikunu ssorveljati fis-swieq tad-dinja u tal-Komunità;

Billi r-rifondi tal-produzzjoni għandhom jiġu mħallsa għall-użu tal-lamtu u xi prodotti derivati fil-fabbrikazzjoni ta' xi oġġetti; billi informazzjoni ddettaljata hija meħtieġa biex tiffaċilita l-kontroll u l-ħlas xieraq tar-rifondi tal-produzzjoni lill-applikanti; billi l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat għandha tkun fil-poter li teħtieġ l-applikanti li jfornu kwalunkwe informazzjoni u jippermettu kwalunkwe tfittix jew ispezzjonijiet meħtieġa biex isiru kontrolli bħal dawn;

Billi l-fabbrikant tal-prodott jista' ma jużax ta' bilfors il-lamtu bażiku; billi hu għalhekk meħtieġ li tiġi mfassla lista ta' xi prodotti derivati mill-lamtu li l-użu tagħhom jagħti lill-fabbrikant id-dritt li jirċievi r-rifondi;

Billi l-oriġini tal-materjali mhux ipproċessati tal-lamtu użati fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti eliġibbli għar-rifondi tal-prodotti għandhom jiġu speċifikati;

Billi l-karatteristiċi speċjali għal-lamtu estrifikat jew etrifikat jistgħu jwasslu għal xi operazzjonijiet ta' l-ipproċessar spekulattivi maħsuba biex jirċievu r-rifondi tal-produzzjoni iktar minn darba; billi, sabiex spekulazzjoni bħal din tkun evitata, huma meħtieġa miżuri biex jassiguraw li l-lamtu estrifikat jew etrifikat ma jkunx ipproċessat mill-ġdid f'materjal mhux ipproċessat li l-użu tiegħu jagħti dritt għall-applikazzjoni għal rifondi;

Billi r-rifondi tal-produzzjoni m'għandhomx jiġu mħallsa sakemm isir l-ipproċessar; billi, ladarba jsir l-ipproċessar, il-ħlas għandu jsir sa ħames xhur wara l-verifika minn awtorità kompetenti li l-lamtu jkun ġie pproċessat; billi, b'danakollu, għandu jkun possibbli għall-manifattur li jirċievi avvanz qabel ma jkunu twettqu l-kontrolli;

[1] ĠU L 181, tal-1. 7. 1992, p. 21.
[2] ĠU L 166, tal-25. 6. 1976, p. 1.
[3] ĠU L 154, tal-25. 6. 1993, p. 5.

Billi r-rata tal-kambju agrikolu għar-rifondi applikabbli fil-valuta nazzjonali għandha tkun speċifikata, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' l-iffissar ta' l-avvanz bi qbil ma' l-Artikoli 13 sa 17 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 [1];

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3745/89 [3], japplika għall-arranġamenti li jagħmel tajjeb għalihom dan ir-Regolament; billi, għalhekk, il-ħtiġijiet primarji ta' l-obbligazzjoni fid-dmir tal-fabbrikanti u garantiti mill-preżentazzjoni ta' garanzija għandhom ikunu definiti;

Billi dan ir-Regolament jinkorpora, waqt li jaddattahom, id-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2169/86 [4], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1398/91 [5], billi dak ir-Regolament għandu għalhekk jiġi mħassar;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv għaċ-Ċereali,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Ir-rifondi tal-produzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "rifondi") jistgħu jkunu mogħtija lill-persuni naturali jew legali li jużaw il-lamtu estratt mill-qamħ, mill-qamħirrum, mir-ross, mir-ross imfarrak jew mill-patata, jew xi prodotti oħra dderivati, fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I.

2. Il-lista msemmija fil-paragrafu 1 tista tkun emendata biex tieħu akkont tal-livell tal-kompetizzjoni mal-pajjiżi terzjarji, u l-grad ta' protezzjoni kontra l-kompetizzjoni bħal din offruta mill-mekkaniżmi ta' l-istrateġija agrikola komuni, it-Tariffa Doganali tal-Kummissjoni jew b'mod ieħor.

3. Fil-waqt tad-deċiżjoni ta' l-għotja tar-rifondi, għandu jittieħed akkont tal-fatturi l-oħra, partikularment:

— il-progress magħmul fit-teknoloġija tal-fabbrikazzjoni u l-utilizzazzjoni tal-lamtu,

— il-grad li bih il-lamtu jkun inkorporat fil-prodott finali u/jew il-valur relattiv tal-lamtu fil-prodott finali u/jew l-importanza tal-prodott bħala sfog għall-lamtu, fid-dawl tal-kompetizzjoni ma' prodotti oħra.

4. L-għotja tar-rifondi għal prodott jista' ma joħloqx tgħawwiġ fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni ma' prodotti oħra li ma humiex eliġibbli għal rifondi bħal dawn.

5. Jekk jiġi stabbilit li tgħawwiġ ikun seħħ wara l-għotja tar-rifondi, dawk ir-rifondi għandhom:

— ikunu aboliti, jew

— aġġustati, sakemm hu meħtieġ li jkun eliminat it-tgħawwiġ fil-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

6. Il-lamti importati fil-Komunità permezz ta' skema ta' importazzjoni li tagħti bidu għal tnaqqis fl-imposti tista' ma tibbenefikax minn rifondi tal-produzzjoni.

7. Id-deċiżjonijiet li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76, kif applikabbli.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

— "il-lamtu" jfisser il-lamtu bażiku jew prodott derivat mill-lamtu kif elenkat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament,

— "prodotti approvati" jfissru kwalunkwe mill-prodotti elenkati fl-Anness I,

— "il-fabbrikant/il-manifattur" ifisser l-utenti tal-lamtu għall-produzzjoni ta' prodotti approvati.

L-Artikolu 3

1. Il-każi ta' meta r-rifondi għandhom ikunu mogħtija, irid jiġi stabbilit darba fix-xahar.

2. Ir-rifondi għal kull tunnellata ta' lamtu għandhom ikunu kkalkulat fuq il-bażi *inter alia* tad-differenza bejn:

(i) il-prezz ta' l-intervent taċ-ċereali għax-xahar f'dak il-każ billi jittieħed akkont tad-differenzi fil-prezzijiet fis-suq tal-qamħirrum; u

(ii) il-medja tal-prezzijiet 'cif' użati biex tkun ikkalkulata t-taxxa ta' l-importazzjoni għall-qamħirrum matul l-ewwel 25 jum tax-xahar li jippreċedi x-xahar ta' l-applikazzjoni, immultiplikat b'koeffiċjent ta' 1,60.

3. Fil-każ ta' varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezzijiet tas-suq għall-qamħirrum u/jew il-qamħ fil-Komunità jew fis-suq tad-dinja matul il-perjodu definit fil-paragrafu 1, ir-rifondi kkalkulati bi qbil mal-paragrafu 2 jistgħu jkunu mibdula biex jittieħed akkont ta' varjazzjonijiet bħal dawn.

[1] ĠU L 108, tal-1. 5. 1993, p. 106.
[2] ĠU L 205, tat-3. 8. 1985, p. 5.
[3] ĠU L 364, ta' l-14. 12. 1989, p. 54.
[4] ĠU L 189, tal-11. 7. 1986, p. 12.
[5] ĠU L 134, tad-29. 5. 1991, p. 19.

4. Ir-rifondi li jitħallsu għandhom ikunu kkalkulati bi qbil mal-paragrafu 2 u, meta applikabbli, mal-paragrafu 3, immultipplikat bil-koeffiċjent indikat fl-Anness II li jikkorrispondi mal-kodiċi NM għal-lamtu attwalment użat għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti approvati.

5. Ir-rifondi stabbiliti bi qbil mal-paragrafi 1 sa 4 għandhom, fejn meħtieġ, jiġu kkoreġuti mill-ammont ta' kumpens ta' l-aċċettazzjoni applikabbli għat-tip ta' lamtu f'dan il-każ.

6. Id-deċiżjonijiet li hemm provvediment dwarhom f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76, kif applikabbli.

L-Artikolu 4

1. Il-Fabbrikanti li jkollhom l-intenzjoni li jitolbu rifondi għandhom japplikaw lejn l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' fejn il-lamtu għandu jiġi użat, billi jagħti l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant;

(b) il-medda tal-prodotti li fihom ikun użat il-lamtu, inklużi dawk elenkati fl-Anness I u dawk li mhumiex, b'deskrizzjoni sħiħa u l-kodiċi NM;

(c) meta differenti minn (a), l-indirizz(i) tal-post (ijiet) ta' fejn il-lamtu għandu jiġi pproċessat fi prodott approvat.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu l-fabbrikant għal aktar informazzjoni.

2. Il-fabbrikanti għandhom jippreżentaw impenn bil-miktub lejn l-awtorità kompetenti, li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-verifiki u l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa għall-monoitoraġġ ta' l-użu tal-lamtu u li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa.

3. L-awtorità komeptenti għandha tieħu miżuri biex tassigura li l-fabbrikant ikun stabbilit u uffiċjalment rikonoxxut fl-Istat Membru.

4. Fuq l-bażi ta' l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 1 u 2, l-awtorità komeptenti għandha tħejji lista tal-fabbrikanti approvati li għandha żżomm aġġornata. Biss dawk il-fabbrikanti hekk approvati għandhom ikunu ntitolati għat-talba tar-rifondi bi qbil mal-Artikolu 5.

L-Artikolu 5

1. Jekk il-fabbrikant ikun jixtieq japplika għal rifondi, għandu jindirizza bil-miktub lill-awtorità kompetenti tiegħu sabiex jikseb iċ-ċertifikat tar-rifondi.

2. L-applikazzjoni għandha tispeċifika:

(a) l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant;

(b) il-kwantità ta' lamtu li għandu jkun użat;

(ċ) fil-każ tal-manifattura ta' prodott li jidħlu taħt il-kodiċi NM 3505 10 50, il-kwantità ta' lamtu li għandu jkun użat;

(d) il-post (ijiet) ta' fejn il-lamtu jkun użat;

(e) id-dati ppjanati ta' l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar.

3. L-applikazzjoni għandu jkollha magħha:

— il-preżentazzjoni ta' garanzija bi qbil ma' l-Artikolu 8,

— dikjarazzjoni mill-fornitur tal-lamtu li l-prodott li se jkun użat ikun ġie pproduċut bi qbil man-nota 4 ta' tarf il-paġna ta' l-Anness II.

4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu aktar informazzjoni.

L-Artikolu 6

1. Malli l-applikazzjonijiet ippreżentati bi qbil ma' l-Artikolu 5 jkunu waslu, l-awtorità kompetenti għandha tivverifikahom u għandha toħroġ iċ-ċertifikat tar-rifondi minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-formuli nazzjonali għaċ-ċertifikat tar-rifondi li, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-leġislazzjoni Komunitarja, għandhom ikollhom mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 3.

3. Iċ-ċertifikat tar-rifondi għandu jinkludi l-informazzjoni li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 5 (2), kif ukoll ir-rata tar-rifondi li għandha titħallas u l-aħħar ġurnata ta' validità taċ-ċertifikat, li għandha tkun l-aħħar ġurnata tal-hames xahar wara x-xahar tal-ħruġ.

B'danakollu, matul Lulju u Awissu tas-snin fis-suq 1993/94, 1994/95 and 1995/96, iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi biss sa l-aħħar ġurnata tax-xahar li matulu ċ-ċertifikat kien maħruġ.

4. Ir-rata ta' rifondi mistqarra fiċ-ċertifikat għandha tkun dik applikabbli fil-ġurnata tal-wasla ta' l-applikazzjoni.

B'danakollu, meta xi kwantità ta' lamtu kkwotata fiċ-ċertifikat tkun pproċessata matul is-sena fis-suq taċ-ċereali li ssegwi lil dik li fiha l-applikazzjoni kienet waslet, ir-rifondi li għandhom jitħallsu għal-lamtu li jkun ipproċessati fis-sena tas-suq il-ġdida, għandu jkun aġġustat skond id-differenza bejn il-prezz ta' l-intervenzjoni użat għall-kalkulazzjoni tar-rifondi li għandhom jitħallsu, kif definit fl-Artikolu 3 (2), u dak applikabbli fix-xahar ta' l-ipproċessar, immultiplikat bil-koeffiċjenti ta 1,60.

Ir-rata tal-kambju li għandha tkun użata biex tesprimi l-ammont ta' rifondi fil-valuta nazzjonali għandha tkun dik valida fil-ġurnata li fiha l-lamtu kien ipproċessat.

L-Artikolu 7

1. Il-fabbrikanti fil-pussess ta' ċertifikat tar-rifondi mibgħut bi qbil ma' l-Artikolu 6 għandhom ikunu ntitolati, basta li l-ħtiġijiet kollha ta' dan ir-Regolament ikunu ntlaħħqu, li jitolbu ħlas tar-rifondi indikati fiċ-ċertifikat, wara li l-lamtu jkun ġie użat fil-manifattura tal-prodotti approvati kkonċernati.

2. Id-drittijiet permezz taċ-ċertifikat m'għandhomx ikunu trasferibbli.

L-Artikolu 8

1. Il-ħruġ ta' ċertifikat għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' garanzija mill-fabbrikant ma' l-awtorità kompetenti, ekwivalenti għal 15 ECU għal kull tunnellata ta' lamtu bażiku, fejn xieraq immultipplikat bil-koeffiċjent li jikkorrispondi għat-tip ta' lamtu li għandu jiġi użat kif muri fl-Anness II.

2. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata bi qbil mar-Regolament (KEE) Nru 2220/85. Il-ħtieġa primarja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 20 ta' dak ir-Regolament għandha tkun l-ipproċessar tal-kwantità tal-lamtu mistqarr fuq l-applikazzjoni fi prodotti approvati (kif definit) fil-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat. B'danakollu, jekk fabbrikant ikun ipproċessa mill-inqas 90 % tal-kwantità tal-lamtu mistqarra fuq l-applikazzjoni, għandu jkun meqjus li jkun wettaq il-ħtieġa primarja msemmija qabel.

L-Artikolu 9

1. Il-ħlas definittiv tar-rifondi jista' jsir biss wara li l-fabbrikant ikun innotifika lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data jew id-dati tax-xiri u l-konsenja tal-lamtu;

(b) l-isem u l-indirizz tal-fornituri tal-lamtu;

(ċ) l-isem u l-indirizz tal-produtturi tal-lamtu;

(d) id-data jew id-dati li fihom il-lamtu kien ġie pproċessat;

(e) il-kwantità u t-tip ta' lamtu, inklużi l-kodiċi NM, li jkunu ġew użati;

(f) il-kwantità tal-prodott approvat muri fiċ-ċertifikat u maħdum bl-użu tal-lamtu.

2. Meta l-prodott imsemmi fuq iċ-ċertifikat jidħol taħt il-kodiċi NM 3505 10 50, in-notifika li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha jkollha magħha l-preżentazzjoni ta' garanzija ekwivalenti għar-rifondi tal-produzzjoni li għandhom jitħallsu mal-fabbrikazzjoni tal-prodott f'dak il-każ.

3. Qabel ma jsir il-ħlas, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li l-lamtu jkun ġie użat għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti approvati bi qbil ma' l-informazzjoni mistqarra fuq iċ-ċertifikat. Dan normalment iseħħ bl-użu ta' verifiki amministrattivi, imma dawn għandhom ikunu megħjuna minn verifiki fiżiċi meta meħtieġ.

4. Il-verifiki kollha li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament għandhom jitwettqu fi żmien ħames xhur mid-data li fiha l-awtorità kompetenti tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa fil-paragrafu 1.

5. Meta l-kwantità tal-lamtu pproċessat tkun akbar mill-kwantità murija fuq iċ-ċertifikat, allura l-kwantità żejda, sa limitu ta' 5 %, għandha titqies li tkun ġiet ipproċessata permezz ta' dak id-dokument, bl-għoti tad-dritt tar-rifondi muri hemmhekk.

L-Artikolu 10

1. Il-garanzija li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 9 (2) għandha tkun rilaxxata biss la darba l-awtorità kompetenti tkun irċeviet prova li l-prodott li jidħol taħt il-kodiċi NM 3505 10 50 kien ġie:

(a) użat fit-territorju doganali tal-Komunità biex ikunu maħduma l-prodotti l-oħra apparti minn dawk elenkati fl-Anness II;

jew

(b) esportat lejn pajjiżi terzi. Fil-każ ta' l-esportazzjoni diretta lejn il-pajjiżi terzi, il-garanzija għandha tkun irrilaxxata biss meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet prova li l-prodott f'dak il-każ ikun ħalla t-territorji doganali tal-Komunità.

2. Il-prova li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 (a) għandha tikkonsisti f'dikjarazzjoni ppreżentata mill-fabbrikant lejn l-awtorità kompetenti, li tindika,:

— jekk il-prodott f'dak il-każ għandux ikun ipproċessat,

— li l-prodott għandu jkun użat biss għall-manifattura ta' prodotti apparti minn dawk elenkati fl-Anness II,

— li l-prodott f'dak il-każ ikun sejjer jinbiegħ biss lill-parti li tagħmel l-impenn imsemmi fit-tieni subinċiż, fuq il-bażi ta' jew klawżola kuntrattwali stabbilita għal dak l-għan jew kondizzjoni speċifika msemmija fil-fattura tal-bejgħ; il-fabbrikant għandu jżomm kopja tal-kuntratt tal-bejgħ, li għandha tinżamm għad-disposizzjoni ta' l-awtorità kompetenti,

— li hu jkun konxju tal-provvedimenti tal-paragrafu 7,

— l-isem u l-indirizz tal-parti li tirċievi l-prodott u l-kwantità involuta jekk il-prodott ikun trasferit,

— in-numru tal-kopja ta' kontroll T5 jekk minn qed jixtri jkun jinstab fi Stat Membru ieħor.

3. Fl-aħħar ta' kull tliet xhur, il-fabbrikant għandu jgħaddi kopji tad-dikjarazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2 lejn l-awtorità kompetenti fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol. Mal-wasla, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tgħaddi l-istess dokumenti lejn l-awtorità kompetenti tax-xerrej fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol.

4. Kemm il-fabbrikanti u kif ukoll ix-xerrej tal-prodott li jidħol taħt il-kodiċi NM 3505 10 50 għandhom ikollhom dettalji tal-ħażniet ta' tip approvat mill-Istati Membri sabiex il-konformità ma' l-impenji u l-informazzjoni li tkun tinstab fid-dikjarazzjoni tal-fabbrikant li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2 jistgħu jkunu vverifikati.

5. (a) il-verifikazzjoni li hemm provvediment dwarha fil-paragrafu 4 għandha ssir mill-awtoritajiet kompetenti tal-fabbrikant u tax-xerrej fl-aħħar ta' kull tliet xhur. Verifiki bħal dawn għandhom jiffukaw fuq dettalji globali li jirrigwardaw dak il-perjodu għall-fabbrikanti u x-xerrejja kkonċernati, u fuq mill-inqas 10 % tat-tranżazzjonijiet u l-utilizzazzjonijiet kollha li jkunu saru. Konfermi fuq verifikazzjoni bħal din għandhom ikunu ddeterminati mill-awtortajiet kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju.

Kull operazzjoni ta' verifika għandha tkun imwettqa sa mhux aktar tard minn ħames xhur wara l-aħħar ta' kull tliet xhur.

L-awtorità kompetenti tal-fabbrikant għandha jkollha r-riżultati ta' kull verifika għad-disposizzjoni tagħha sa mhux aktar tard minn 20 ġurnata tax-xogħol wara l-aħħar ta' kull konferma.

Meta l-verifiki bħal dawn isiru fi tnejn jew iktar mill-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-verifiki li jkunu saru bħala parti mill-proċeduri li hemm referenza dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1468/81 tad-19 ta' Mejju 1981 li jikkonċerna l-għajnuna reċiproka [1].

(b) Jekk jinstabu rregulartajiet fi 3 % jew iktar mill-verifiki li hemm referenza dwarhom f' (a), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jintensifikaw il-verifiki

(ċ) Meta r-riżultati tal-verifiki hekk ikunu jeħtieġu, l-awtorità li tkun irrilaxxat il-garanzija għandha tapplika l-penali li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 7 lejn il-fabbrikant ikkonċernat.

6. Meta l-prodott f'dak il-każ ikun is-suġġett ta' kummerċ intra-Komunitarju jew li hu esportat lejn pajjiżi terzi ma' tul it-territorju ta' Stat Membru ieħor, kopja ta' kontroll T5 għandha tinħareġ bi qbil mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3566/92 [2].

Il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll għandha tinkludi, taħt l-intestatura "Oħrajn", wieħed mis-segwenti:

Se utilizará para la transformación o la entrega, de conformidad con el artículo 10 del Reglamento (CEE) no 1722/93 o para la exportación a partir del territorio aduanero de la Comunidad.

Til forarbejdning eller lieva i overensstemmelse med artikel 10 i forordning (EOEF) nr. 1722/93 eller til udfoersel fra Faellesskabets toldomraade.

Zur Verarbeitung oder Lieferung gemaess Artikel 10 der Verordnung (EWG) Nr. 1722/93 oder zur Ausfuhr aus dem Zollgebiet der Gemeinschaft bestimmt.

Προς χρήση για μεταποίηση ή παράδοση σύμφωνα με το άρθρο 10 του κανονισμού (ΕΟΚ) αριθ. 1722/93 ή για εξαγωγή από το τελωνειακό έδαφος της Κοινότητας.

Għandu jkun użat għall-ipproċessar jew għall-kunsinja bi qbil ma' l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 jew għall-esportazzjoni mit-territorju doganali tal-Komunità.

À utiliser pour la transformation ou la livraison, conformément à Artikolu 10 du règlement (CEE) no 1722/93 ou pour l'exportation à partir du territoire douanier de la Communauté.

Da utilizzare per la trasformazione o la consegna, conformemente all'articolo 10 del regolamento (CEE) n. 1722/93 o per l'esportazione dal territorio doganale della Komunitajiet.

Bestemd voor verwerking of lieva overeenkomstig artikel 10 van Verordening (EEG) nr. 1722/93 of voor uitvoer uit het douanegebied van de Gemeenschap.

A utilizar para transformaçao ou entrega, em conformidade com o disposto no artigo 10o do Regulamento (CEE) no 1722/93, ou para exportaçao a partir do território aduaneiro da Comunidade.

7. Jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 6 ma jkunux milħuqa, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandha, mingħajr preġudizzju lejn is-sanzjonijiet nazzjonali teħtieġ ħlas ta' ammont ekwivalenti għal 150 % ta' l-ogħla rifondi applikabbli għall-prodott f'dak il-każ matul it-12-il xahar preċedenti.

L-Artikolu 11

1. Ir-rifondi kkwotati fuq iċ-ċertifikat għandhom ikunu mħallsa biss għall-kwantità tal-lamtu attwalment ipproċessat. Fl-istess ħin, il-garanzija li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 8 (1) għandha tkun irrilaxxata bi qbil mat-Titolu V tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

[1] ĠU L 144, tat-2. 6. 1981, p. 1.
[2] ĠU L 362, tal-11. 12. 1992, p. 11.

2. Ir-rifondi għandhom jitħallsu mhux aktar tard minn ħames xhur wara li d-data tal-verifika li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 9 (3) tkun imwettqa. B'danakollu, fuq it-talba tal-fabbrikant, l-awtorità kompetenti tista' tavvanza somma ekwivalenti għar-rifondi 30 ġurnata wara li tkun waslet l-informazzjoni msemmija. Ħlief f'każi meta l-prodott jidħol taħt il-kodiċi NM 3505 10 50, dan l-avvanz għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' garanzija mill-fabbrikant ekwivalenti għal 115 % tas-somma avvanzata. Din il-garanzija għandha tkun rilaxxata skond Artikolu 19 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

L-Artikolu 12

Fi żmien tliet xhur mill-aħħar ta' kull perjodu kif definit fl-Artikolu 3 (1), l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bit-tip, il-kwantitajiet u l-oriġini tal-lamtu (tal-qamħirrum, tal-qamħ, tal-patata jew tar-ross) li għalih ir-rifondi kienu ġew imħallsa u t-tip u l-kwantitajiet tal-prodotti li għalihom il-lamtu kien ġie użat.

L-Artikolu 13

Ir-Regolament (KEE) Nru 2169/86 huwa b'hekk imħassar.

L-Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1993.

Għall-iskop tar-rilaxx tal-garanzija bis-saħħa ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2169/86, l-Artikolu 10 għandu wkoll japplika fil-każ ta' dossiers li jkunu għadhom miftuħa fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Il-Prodotti li għalihom il-lamtu u/jew id-derivattivi tiegħu huma użati li jidħlu taħt il-kodiċi u l-kapitoli segwenti tan-nomenklatura magħquda

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 1302	Sugu u estratti veġetali; sustanzi peptiċi, peptinati u pektati; agar-agar u muċillaġini oħra u materjli li jgħaqqdu, sew jekk immodifikati u anki jekk le, idderivati minn prodotti veġitali
	– Muċillaġini u materjali li jgħaqqdu seww jekk immodifikati u anki jekk le, idderivati minn prodotti veġitali
ex 1302 32 90	– Muċillaġini taż-żrieragħ tal-guar
ex 1302 39 00	– – Oħrajn:
	– Carrageenon
ex 1404	Prodotti veġitali li ma humiex x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi
1404 20 00	– Faxxex tal-qotton
ex 1520	Glycerol (Gliċerina), sew jekk pura u anki jekk le, ilmijiet tal-gliċerina u lisija tal-gliċerina
1520 90 00	– Oħrajn, inkluża gliċerina sintetika
1520 50 00	– Fructose kemikalment pur
ex 1702 90	– Oħrajn, inkluż zokkor invertit
1702 90 10	– – Maltose kemikalment pur
ex Kapitolu 29	Kemikali organiċi, eskluži l-kodiċi NM 2905 43 00 u 2905 44
Kapitolu 30	Prodotti farmakewtiċi
3402	Aġenti organiċi attivi fuq l-uċuh (apparti minn sapun); preparazzjonijiet attivi fuq l-uċuh, preparazzjonijiet għall-ħasil (inklużi preparazzjonijiet awżiljarji tal-ħasil) u preparazzjonijiet tat-tindif, sew jekk ikun fihom is-sapun u anki jekk le, apparti minn dawk ta' l-intestatura Nru 3401
ex Kapitolu 35	Sustanzi albuminojdi; lamtijiet immodifikati; kollol; enżimi eskluži l-kodiċi NM 3501 u 3505 10 10, 3505 10 90 u 3505 20
ex Kapitolu 38	Prodotti kemikali varji eskluži l-kodiċi NM Nru 3809 u Nru 3823 60
Kapitolu 39	Plastika u oġġetti oħra minnha
ex Kapitolu 48	Karta u kartun; oġġetti mill-polpa tal-karta, tal-karta jew tal-kartun
4801 00	Karta għall-istampar tal-gażżetti, f'rollijiet jew folji
4802	Karta u kartun mhux miksija, tat-tip użat għall-kitba, għall-istampar jew għal skopijiet grafiċi oħra, u kwantitajiet ta' kartoli punch-cards u żigarella karta tat-tip punch, f'rollijiet jew folji, apparti minn karta li tidħol taħt l-intestatura No 4801 jew 4803; karta u kartun magħmula bl-idejn
4303 00	Ħażniet ta' folji fini għall-użu tat-twaletta jew għal mal-wiċċ, ħażniet ta' xugamani jew imkatar u karti oħra simili tat-tip użat għal skopijiet domestiċi jew sanitarji, garżi taċ-ċellulite u faxxex mill-fibri taċ-ċellulite, sew jekk bil-kripp u anki jekk le, miġmugħa, imqabbża, imtaqqba, bil-wiċċ miksi, bil-wiċċ iddekorat jew stampat, f'rollijiet ta' wisa' li ma jeċċedix is-36 cm jew f'folji rettangulari (inklużi folji kwadri) b'mill-anqas ġemb wieħed li jeċċedi 36 cm meta ma jkunux mitwija
4804	Karta u kartun kraft, f'rollijiet jew folji, apparti milli tal-kodiċi NM 4802 u 4803
4805	Karta u kartun oħrajn mhux miksija, f'rollijiet jew folji
4806	Parċmina veġitali, karti oljati, karti strazzi, u karti jleqqu u karti oħrajn bil-vernič kemm trasparenti jew translusenti, f'rollijiet jew folji
4807	Karta u kartun kompst (magħmula billi jkunu mwaħħla flimkien fuq xulxin safi ċatti ta' karti jew kartun b'adessiv), mhux bil-wiċċ miksi jew impregnat, sew jekk infurzat internazzjonalment u anki jekk le, f'rollijiet jew folji
4808	Karta u kartun, ikkorugati (b'uċuħ ta' folji lixxi inkollati u anki jekk le), bil-kripp, imkemmxa, mqabbża jew imtaqqba, f'rollijiet jew folji, apparti milli tal-kodiċi NM 4803 jew 4818

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
4809	Karta saħħara (carbon paper), karta li tikkopja lilha nnifisha u karti oħra tal-kopji u t-trasferimenti (inklużi karti miksija jew impregnati għal stencils tad-duplikaturi jew pjanċi tal-offsett), sew jekk stampati u anki jekk le, f'rollijiet ta' wisgħa li teċċedi 36 cm jew f'folji rettangulari (inklużi folji kwadri) li mill-anqas ġemb wieħed ikun jeċċedi 36 cm meta ma tkunx mitwija
4810	Karta u kartun, miksija bil-kaolin fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat (tafal ċiniż) jew sustanzi inorganiċi oħra, bil, jew mingħajr ir-rabta, bil, jew mingħajr kisi, sew jekk bil-wiċċ b'kulur u anki jekk le, bil-wiċċ iddekorat jew stampat u anki jekk le, f'rollijiet jew folji
4811	Karta, kartun, faxxex taċ-ċellulite u garżi tal-fibri taċ-ċellulite, miksija, impregranti, koperti, b'wiċċ bil-kulur, b'wiċċ iddekorat jew stampat, f'rollijiet jew folji, apprti milli l-oġġetti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 4803, 4809, 4810 jew 4818
4812 00 00	Blokki, ċapep u pjanċi tal-filtru, tal-polpa tal-karti
ex 4813	Karta tas-sigarretti, sew jekk maqtugħa jew le d-daqs jew fl-għamla ta' ktejjeb jew tubi:
ex 4813 90	– Oħrajn
ex 4814	Karti tal-kisi tal-ħitan u kisi ieħor tal-ħitan; trasparenzi tat-twieqi jew karti:
4814 10 00	– karta bil-vini gewwa fiha ("ingrain")
4814 20 00	– Karti tal-kisi tal-ħitan u kisi ieħor tal-ħitan; li jikkonsitu minn karti miksija jew koperti, fuq in-naħa tal-wiċċ, b'kisja fil-vini, imqabbża, ikkulurita, stampa b'disinn jew b'mod ieħor iddekorata b'saff jew bi plastika
4814 90	– Oħrajn
ex 4816	Karta saħħara (carbon paper), karta li tikkopja lilha nnifisha u karti oħra tal-kopji u t-trasferimenti (apparti milli minn dawk li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4809), stencils tad-duplikaturi jew pjanċi tal-offsett, tal-karti, sew jekk imqiegħda fil-kaxxi u anki jekk le:
4816 10 00	– Karta saħħara (carbon paper), jew karti simili tal-kopji
4816 90 00	– Oħrajn
Kapitolu 52	Qotton
ex 5801	Drappijiet minsiġa bil-wiċċ piluż u drappijiet tax-chenille, apparti milli drappijiet oħra li jidħlu taħt il-kodiċi NM 5806:
5801 21 00	– – Drappijiet tal-medd bil-wiċċ imqalla, mhux maqtugħin
ex 5802	Xugamani tat-terry (terry towelling) u drappijiet simili minusġa tat-terry, apparti minn drappijiet dojoq li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5806; drappijiet tat-tessuti bil-bżiebeż maqtuha apparti minn prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5703:
	– Xugamani tat-terry (terry towelling) u drappijiet simili minusġa tat-terry, tal-qoton
5802 11 00	– – Mhux imbajda (unbleached)
5802 19 00	– – Oħrajn
ex 5803	Garża, apparti minn drappijiet dojoq li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 5806:
5803 10 00	– Tal-qoton

ANNESS II

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantità ta' lamtu meħtieġ għall-produzzjoni ta' tunnellata (metrika) waħda (Koeffiċjenti)
	A. LAMTIJIET BAŻIĊI (1) (4)	
ex 1108	Lamtijiet; Inulin:	
	– Lamtijiet:	
1108 11 00	– – Lamtu tal-qamħ	1,00
1108 12 00	– – Lamtu tal-qamħirrum (ċireali)	1,00
1108 13 00	– – Lamtu tal-patata	1,00
ex 1108 19	– – Lamtijiet oħrajn:	
1108 19 10	– – – Lamtu tar-ross	1,00
	B. IL-PRODOTTI DDERIVATI SEGWENTI META BBAŻATI FUQ DAWN T'HAWN FUQ	
1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi dawk kemikament puri, jiġifieri lactose, maltose, glucose u fructose, f'għamla solida; xiroppi taz-zokkor li ma jkunx fihom żieda ta' xi togħma jew materjal tal-kulur; għasel artifiċjali, sew jekk imħallat u anki jekk le ma' għasel naturali; karamella:	
ex 1702 30	– Glucose u xiropp tal-glucose, li ma jkunx fih fructose jew li jkun fih fi stat xott anqas minn 20 % bil-piż ta' fructose:	
	– – Oħrajn:	
	– – – Li jkun fihom fi stat xott 99 % jew aktar bil-piż ta; glucose:	
1702 30 51	– – – – Fl-għamla ta' trab tal-kristallina bajda, sew jekk aglomerat u anki jekk le	1,304
1702 30 59	– – – – Oħrajn (2)	1,00
	– – – Oħrajn	
1702 30 91	– – – – Fil-għamla ta' trab tal-kristallina bajda, seww jekk aglomerat u anki jekk le	1,304
1702 30 99	– – – – Oħrajn (2)	1,00
ex 1702 40	– Glucose u xiropp tal-glocose, li jkun fih fi stat xott mill-anqas minn 20 % imma mhux aktar minn 50 % bil-piż ta' fructose:	
1702 40 90	– – Oħrajn (2)	1,00
ex 1702 90	– Oħrajn, inkluż zokkor invertit:	
1702 90 50	– – Maltodextrine u xiropp tal-maltodextrine:	
	– – – Fl-għamla ta' trab tal-kristallina bajda, sew jekk aglomerat u anki jekk le	1,304
	– – – Oħrajn (2)	1,00
	– – Karamella:	
	– – – Oħrajn:	
1702 90 75	– – – – Fl-għamla ta' trab, sew jekk aglomerat u anki jekk le	1,366
1702 90 79	– – – – Oħrajn (2)	0,95
ex 2905	Alkoħol akriliku u d-derivattivi ħalloġinati, sulfoniżżati, nitrati jew nitrosaturiżżat tiegħu	
	– Alkoħol polifidriku ieħor	
2905 43 00	– – Mannitol	1,52
2905 44	– – D-glucitol (sorbitol):	
	– – – F'taħlita akwea:	
2905 44 11	– – – – Li jkun fiha 2 % jew anqas bil-piż ta' D-mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut tal-D-glucitol (3)	1,068
2905 44 19	– – – – Oħrajn (3)	0,944
	– – – Oħrajn:	
2905 44 91	– – – – Li jkun fiha 2 % jew anqas bil-piż ta' D-mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut tal-D-glucitol	1,52
2905 44 99	– – – – Oħrajn	1,52

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantità ta' lamtu meħtieġ għall-produzzjoni ta' tunnellata (metrika) waħda (Koeffiċjenti)
3505	Dextrini u lamtijiet oħra mmodifikati (per eżempju, lamtijiet preġelinizzati jew estrifikati), kolol ibbażati fuq il-lamtu, jew fuq id-dextrini jew fuq lamtijiet oħra mmodifikati:	
ex 3505 10	– Dextrini u lamtijiet oħra mmodifikati:	
3505 10 10	– – Dextrini (5)	1,14
	– – Lamtijiet oħra mmodifikati:	
3505 10 90	– – – Oħrajn (5)	1,14
3505 20	– Kollol	1,14
ex 3809	Agenti ta' l-aħħar, ġarara tal-kulur biex iħaffu l-proċess tal-kulur jew biex jistabbilizzaw il-kuluri u prodotti u preparazzjonijiet oħra (per eżempju bażijiet u murdenti), tat-tip użat fl-industrija tat-tesuti, tal-karti, tal-ġild u industriji simili, mhux x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi:	
3809 10	– Bil-bażi ta' sustanzi amilaċej (5)	1,14
ex 3823	Rabtiet imħejjija għar-rabtiet tal-forom jew il-parti ġewwinija tal-forom; prodotti kimiċi u preparazzjonijiet għall-industrija tal-kimika jew industriji allejati (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi; prodotti residwi ta' l-industrija kemikali jew industriji allejati, mhux x'imkien ieħor speċifikati jew inklużi:	
3823 60	– Sorbitol apparti min dak li jidħol taħt il-kodiċi NM 2905 44	
	– – F'taħlita akwea	
3823 60 11	– – – Li jkun fiha 2 % jew anqas bil-piż ta' D-mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut tal-D-glucitol (3)	1,068
3823 60 19	– – – Oħrajn (3)	0,944
	– – Oħrajn	
3823 60 91	– – – Li jkun fiha 2 % jew anqas bil-piż ta' D-mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut tal-D-glucitol	1,52
3823 60 99	– – – Oħrajn	1,52

(1) Il-koeffiċjenti murija japplikaw għal-lamtu b'kontenut ta' materja xotta ta' mill-inqas 87% fil-każ tal-lamtu tal-qamħirrum, tar-ross u tal-qamħ, u mill-inqas 80% fil-każ tal-lamtu tal-patata.

Ir-rifondi pagabbli tal-produzzjoni li għandu jkun mħallas għal-lamtu bażiku ta' materja xotta aktar baxxa minn dik murija għandu jkun aġġustat bl-użu tal-formula segwenti:

1. Lamtu tal-qamħirrum, tar-ross u tal-qamħ:

$$\frac{\%\text{ attwali tal-materja xotta}}{87} \times \text{Rifondi tal-produzzjoni}$$

2. Il-Lamtu tal-patata: 3

$$\frac{\%\text{ attwali tal-materja xotta}}{80} \times \text{Rifondi tal-produzzjoni}$$

Il-kontenut tal-materja xotta tal-lamtu huwa ddeterminat mill-metodu ddeterminat fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1908/84 (ĠU Nru L 178, 5. 7. 1984, p. 22). Meta r-rifondi tal-produzzjoni jkunu mħallsa għal-lamtu li jidħol fil-kodiċi NM 1108, il-purità tal-lamtu fil-materja xotta għandha tkun mill-inqas 97%.

Fid-determinazzjoni tal-grad tal-purità tal-lamtu, il-metodu li għandu jkun uċat huwa dak stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-rifondi tal-produzzjoni għandhom ikunu mħallsa għall-prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM b'kontenut tal-materja xotta ta' mill-inqas 78%. Ir-rifondi tal-produzzjoni li għandhom jitħallsu għall-prodotti li jidħlu f'dawn il-kodiċi NM b'kontenut ta' materja xotta ta' anqas minn 78% għandu jkun aġġustat bl-uċu tal-formula segwenti:

$$\frac{\%\text{ attwali tal-materja xotta}}{78} \times \text{Rifondi tal-produzzjoni}$$

(3) Ir-rifondi tal-produzzjoni huma mħallsa għal D-glucitol (sorbitol) f'soluzzjoni akweja b'kontenut ta' materja xotta ta' mill-inqas 70%. Meta l-kontenut ta' materja xotta jkun anqas minn 70% ir-rifondi tal-produzzjoni għandhom ikunu aġġustati bl-uċu tal-formula segwenti:

$$\frac{\%\text{ attwali tal-materja xotta}}{70} \times \text{Rifondi tal-produzzjoni}$$

(4) Prodotti direttament mill-qamħirrum, mill-qamħ, mir-ross jew mill-patata, bl-eċkluċjoni ta' kull uċu ta' prodotti miksuba minnhom fil-waqt tal-fabbrikazzjoni ta' prodotti agrikoli jew merkanzija oħra.

(5) Ir-rifondi tal-produzzjoni huma pagabbli għal-lamtu jew għall-kontenut attwali ta' dextrin jew ta' materja xotta.

ANNESS III

Il-grad ta' purità tal-lamtu fil-materja xotta huwa ddeterminat bl-għajnuna tal-metodu polarimetriku Ewers immodifikat, ippubblikat fl-Anness I tat-tielet Direttiva tal-Kummissjoni 72/99/KEE [1] li tistabbilixxi l-metodi ta' analiżi tal-Komunità għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalef ta' l-annimali.

[1] ĠU L 123, tad-29. 5. 1972, p. 6.